

ASSEMBLEA PARLAMENTARI EWRO-LATINOAMERIKANA Ġunju 2009

X'inhi l-EuroLat?

L-Assemblea Parlamentari Euro-Latina Amerikana, jew l-EuroLat, twaqqfet fl-2006 u s-Sessjoni Kostitwenti tagħha saret fit-8 u d-9 ta' Ottubru ta' dik is-sena fi Brussell. L-EuroLat hija istituzzjoni parlamentari tal-Assoċjazzjoni Strateġika Bireġjonali li twaqqfet f'Ġunju 1999 fil-kuntest tas-Samits EU-LAC (Unjoni Ewropea-Amerika Latina u l-Karibew). L-EuroLat tadotta u tressaq riżoluzzjonijiet u rakkomandazzjonijiet lil diversi organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet u gruppi ministerjali li jkunu responsabbli mill-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni Strateġika Bireġjonali.

Kompożizzjoni tal-Assemblea

L-Eurolat hija Assemblea Parlamentari, multilaterali u konġunta, magħmula minn 150 membru, 75 mill-Parlament Ewropew u 75 mill-komponent tal-Amerika Latina, inklużi l-Parlatino (il-Parlament Latin Amerikan), il-Parlandino (il-Parlament Andean), il-Parlacen (il-Parlament tal-Amerika Ċentrali) u l-Parlasur (il-Parlament tal-Mercosur). Il-Kungressi tal-Messiku taċ-Ċili huma rrappreżentati wkoll bis-saħħha tal-eżistenza tal-Kumitati Parlamentari Konġunti UE/Messiku u UE/Ċili. Il-membri tal-EuroLat jinhattru skont ir-regoli interni ta' kull Parlament sabiex tkun riflessa l-multiċiplità tal-gruppi politiċi u tal-pajjiżi rrappreżentati f'kull wieħed minn dawk il-Parlamenti u Kungressi.

Kif taħdem l-EuroLat?

L-EuroLat hija organizzata skont din l-istruttura:

- Sessjoni Plenarja
- Il-Bureau Eżekuttiv
- Kumitati Permanenti
- Gruppi ta' Ħidma
- Segretarjat

L-Assemblea hija ppreseduta minn żewġ Ko-Presidenti, wieħed mill-Ewropa u wieħed mill-Amerika Latina. Iż-żewġ Ko-Presidenti, flimkien ma' 14 Ko-Viċi Presidenti (7 minn kull naħħa) jiffurmaw il-Bureau Eżekuttiv. Dan il-korp jikkordina x-xogħol tal-Assemblea, jissorvelja l-attivitajiet tiegħu u jżomm relazzjonijiet mas-Samit EU-LAC, mal-Grupp Rio, mal-Proċess San José, mal-konferenzi ministerjali u mal-gruppi u l-ambaxxaturi ta' livell għoli.

Kull korp tal-Eurolat hu magħmul minn għadd ugħwali ta' membri minn kull komponent. It-teħid tad-deċiżjonijiet huwa bbażat l-iżżej fuq ix-xogħol ta' tliet Kumitati Permanenti:

- Kumitat għall-Affarijiet Politiċi, is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem

- Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi, Finanzjarji u Kummerċjali
- Kumitat għall-Affarijiet Soċjali, l-Iskambji Bejn il-Persuni, l-Ambjent, l-Edukazzjoni u l-Kultura

L-abbozzi tar-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitati mbagħad ikunu kkunsidrati u ssir votazzjoni fuqhom mill-Assemblea, ġeneralment abbażi ta' maġġoranza sempliċi. Il-Kumitati u l-Bureau Eżekuttiv jiltaaqgħu mill-inqas darbtejn fis-sena. Sessjoni minnhom issir b'mod parallel mas-Sessjoni Plenarja annwali. Barra dan, Grupp ta' Ħidma (GH) ad hoc jikkonċentra fuq bażi temporanja fuq kwistjonijiet relatati mal-Migrazzjoni EU-LAC.

Lingwi Uffiċjali u Ta' Ħidma

Il-lingwi uffiċjali tal-EuoLat huma l-lingwi uffiċjali tal-UE. Il-lingwi ta' ħidma tal-Eurolat huma l-Ingliż, il-Franċiż, il-Portugiż u l-Ispanjol.

Ir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali tal-EuroLat

Ir-rappreżentanti mis-Samit EU-LAC, mill-Kunsill tal-Ministri, mill-Kummissjoni Ewropea u minn gruppi reġjonali u konferenzi ministerjali diversi li jaħdnu favur l-iżvilupp u t-tishħiħ tal-Assoċjazzjoni Strateġika Bireġjonali, inklużi l-Grupp Rio u l-Proċess San José, jistgħu jieħdu sehem b'mod attiv fil-laqgħat tal-EuroLat.

L-Attivitajiet Ewlenin tal-EuroLat

- Mejju 2009 – Parteċipazzjoni fil-XIV-il Laqgħa Ministerjali tal-Grupp UE-Rio, fi Praga, ir-Repubblika Ċeka
- April 2009 – it-3 Sessjoni Plenarja Ordinarja, f'Madrid, Spanja
- Novembru 2008 – Kumitati Permanenti, Bureau Eżekuttiv u l-GH dwar ir-Regoli ta' Proċedura, Brussell, Belġju
- Mejju 2008 – Parteċipazzjoni fil-V Samit EU-LAC, f'Lima, il-Perù
- Mejju 2008 – it-2 Sessjoni Plenarja Ordinarja, f'Lima, il-Perù
- Diċembru 2007 – l-1 Sessjoni Plenarja Ordinarja, fi Brussell, il-Belġju
- Lulju 2007 – Kumitati Permanenti, fi Kwito, l-Ekwador
- Novembru 2006 – Sessjoni Kostitwenti, fi Brussell, il-Belġju

Id-Dokumenti Ewlenin tal-EuroLat

L-Assemblea adottat, mis-Sessjoni Plenarja ta' Lima 'l hawn:

- Messaġġ lil-Laqgħha Ministerjali UE-Grupp ta' Rio, fi Praga, ir-Repubblika Ċeka, 13 ta' Mejju 2009
- Riżoluzzjoni dwar il-Kriżi Finanzjarja, 8 ta' April 2009
- Riżoluzzjoni dwar il-Karta Euro-Latina Amerikana għall-Paċi u s-Sigurtà, 8 ta' April 2009
- Riżoluzzjoni dwar il-Kummerċ u l-Bidla fil-Klima, 8 ta' April 2009
- Riżoluzzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-ilma fir-relazzjonijiet EU-LAC, 8 ta' April 2009
- Riżoluzzjoni dwar il-politiki dwar l-enerġija tal-Unjoni Ewropea u tal-Amerika Latina, 1 ta' Mejju 2008
- Riżoluzzjoni dwar l-Isfidi u l-Opportunitajiet tar-Rawnd ta' Doha, 1 ta' Mejju 2008
- Riżoluzzjoni dwar il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, 1 ta' Mejju 2008
- Messaġġ lill-V Samit EU-LAC, f'Lima, il-Perù, 16-17 ta' Mejju 2008
- Dikjarazzjoni ta' Brussell tad-9 ta' Novembru 2006 (sessjoni kostitwenti)

Dokumenti li għandhom jiġu adottati dalwaqt

- Abbozz ta' Riżoluzzjoni dwar ir-relazzjonijiet Ewro-Latini Amerikani bi tħejjija għas-Six-VI Samit EU-LAC, Ottubru 2009
- Abbozz ta' Riżoluzzjoni dwar "Lejn Riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ", Ottubru 2009
- Abbozz ta' Riżoluzzjoni fuq "Nittrattaw l-Bidla fil-Klima Flimkien": għal strateġija kkoordinata EU-LAC fil-qafas tan-negozjati UNFCCC, Ottubru 2009